

Brussell, 8 ta' Mejju 2024
(OR. en)

8524/24
ADD 1

LIMITE

INF 97
API 67

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8522/24; 8523/24
Suġġett:	Aċċess pubbliku għad-dokumenti - Applikazzjoni konfermatorja Nru 15/c/01/24 = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni minn Spanja

Fir-rigward tat-tweġiba proposta għall-Aplikazzjoni konfermatorja Nru 15/c/01/24, Spanja ma taqbilx mal-proposta ta' divulgazzjoni sħiħa tad-dokument 5591/21. Fin-nuqqas ta' raġunijiet ulterjuri biex tiġi ġġustifikata d-divulgazzjoni fl-Aplikazzjoni konfermatorja, il-ġustifikazzjoni pprovduta mis-SĠK fit-tweġiba tiegħu datata t-13 ta' Marzu 2024 (8522/24) tibqa' valida u applikabbli. Id-divulgazzjoni ta' dan id-dokument, fid-dawl tas-suġġett tiegħu, iddghajjed il-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali skont l-Artikolu 4(1)(a) (it-tielet inċiż) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, kif ukoll il-protezzjoni tal-parir legali skont l-Artikolu 4(2), it-tieni inċiż, tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Spanja tixtieq tenfasizza b'mod partikolari s-sensittività tad-dokument inkwistjoni fir-rigward tal-interess pubbliku b'rabta mar-relazzjonijiet internazzjonali, fir-rigward ta' pajjiżi terzi b'mod ġenerali, fid-dawl tan-natura wiesgħa tal-kwistjonijiet diskussi u wkoll fir-rigward tar-relazzjonijiet mar-Renju Unit, li l-opinjoni mitluba

tirrigwardahom direttament. Għandu jiġi nnotat li l-Opinjoni tas-Servizz Legali tanalizza d-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha bil-ħsieb tal-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, u tikkonkludi li l-ftehim jinsab f'qasam ta' taħlita fakultattiva, sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta deċiżjoni politika dwar jekk il-ftehim għandux jiġi konkluż bħala ftehim imħallat jew bħala ftehim għall-UE biss. Tanalizza wkoll meta u taħt liema kundizzjonijiet l-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali mar-Renju Unit.

Id-divulgazzjoni ta' din l-għażla politika jista' jkollha impatt fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali, inkluż fir-rigward tan-negozjati li għaddejjin tal-UE u/jew tal-Istati Membri ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari mar-Renju Unit innifsu.

Fl-aħħar nett, l-ebda interess pubbliku prevalenti fid-divulgazzjoni ma jista' jiġġustifika li tiġi injorata l-eċċezzjoni tal-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali. Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-protezzjoni tal-parir legali, kif oriġinarjament iġġustifikat mis-SĠK, ma jista' jipprevali l-ebda interess pubbliku prevalenti, meta jitqies b'mod partikolari li l-parir legali inkwistjoni ma jirrigwardax kwistjonijiet leġiżlattivi.
